# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 31 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Nru. 20.**
**Citazz. Nru. 1222/00 JRM**

**JOSEPH PACE LTD.**

**vs**

**DREAMLAND BEDDING COMPANY LTD.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici ghas-somma ta' elfejn mitejn u ghoxrin lira maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm2220.56) rapprezentanti merkanzija li giet ikkonsenjata lis-socjeta' konvenuta fuq ordni taghha stess kif jidher mill-invocies li qed jigu hawn annessi u mmarkati Dok A1, A2, A3, A4, A5, A6, A7;

Illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex tissalda dan id-debitu hija baqghet inadempjenti u sad-data tallum dan l-ammont ghadu ma thallasx;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-Artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), stante li l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta' konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas ta' l-istess ammont;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex tiddeciedi skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikolu 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12); u

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mitejn u ghoxrin lira maltin u sitta u hamsin centezmu (LM2220.56), oltre l-imghax legali mit-18 ta' Novembru, 1999, sad-data tal-pagament effettiv, rapprezentanti merkanzija li giet ikkonsenjata lis-socjeta' konvenuta fuq ordni taghha stess;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mitejn u ghoxrin lira maltin u sitta u hamsin centesmu (Lm2220.56), oltre l-imghax legali mit-18 ta' Novembru, 1999, sad-data tal-pagament effettiv, rapprezentanti merkanzija li giet konsenjata lis-socjeta' konvenuta fuq ordni taghha stess, bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**31 ta' Jannar, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Jannar, 2001.**